DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 48/2009

tal-24 ta' April 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 35/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/232/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà rigward is-subsistema 'infrastruttura' tas-sistema ferrovjarja tranż-Ewropea b'veloċità għolja [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 37af (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/735/KE):

", kif emendat minn:

— **32008 D 0232**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/232/KE tal-21 ta' Frar 2008 (ĠU L 84, 26.3.2008, p. 132)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 37ag (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/284/KE):

"37ah. **32008 D 0232**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/232/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità rigward is-subsistema 'infrastruttura' tas-sistema ferrovjarja tranż-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 84, 26.3.2008, p. 132)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/262/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandu jiġi ppublikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-25 ta' April 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' April 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 130, 28.5.2009, p. 29.
[2] ĠU L 84, 26.3.2008, p. 132.
(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali